MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-28 ta' Marzu, 2010

Numru 134/2010

**Il-Pulizija**
**Spettur Malcolm Bondin**
**Spettur Trevor Micallef**

**vs**

**Luca Franchi**
**Cristina Pietricola**

Il-Qorti ;

Rat li l-imputati Luca Franchi ta' 25 sena, bin Fabrizio u Rosetta nee' Stefannini, imwieled Ravenna, Italja, nhar it-8 t'Awwissu 1984, residenti Kamra 963 Hotel, Hilton, Triq Ross, San Giljan u detentur tal-karta tal-identita' Taljana numru AR 2324498 u l-imputata Cristina Pietricola ta' 32 sena, bint Maurizio u Patrizia nee' Izzi, imwielda Terracino, Italja nhar il-21 ta' Gunju 1977, residenti Kamra 963 Hotel, Hilton, Triq ir-Ross, San Giljan u detentrici tal-

karta tal-identita’ Taljana numru AR 2970258 gew mressqa quddiemha akkuzati talli :

a) Nhar is-27 ta’ Marzu 2010 ghal habta ta’ l-4 am u fil-gimgha ta’ qabel gewwa San Giljan u f’dawn il-gzejjer kellhom fil-pussess taghhom ir-raza mehudha mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza bi ksur ta’ l-Art 8 (a) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta;

b) Fis-27 ta’ Marzu ghall-habta ta’ 4.30am gewwa l-ghassa San Giljan, San Giljan, ingurjaw u heddu ufficjali tal-pulizija bhala persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qed jaghmlu jew minhabba li kienu qed jaghmlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzawhom jew jinfluwixxu fuqhom kontra l-ligi fl-ezekuzzjoni ta’ dak is-servizz;

c) Fl-istess data, hin u lok, kisru l-buon ordni u l-paci pubblika b’ghajjat u glied;

Lill-Luca Franchi wahdu:

Nhar is-27 ta’ Marzu 2010 ghall-habta ta’ 4am gewwa l-istabiliment Hugo’s Bar, St. Rita Steps, Paceville, San Giljan, kellu fil-pussess tieghu id-droga Kokaina specifikata fl-ewwel skeda ta’ l-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta’ l-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort’ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b’ xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta’ Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli ta’ l-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N.292/1939) kif sussegwentement emmendati u bi ksur ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Lill-Cristina Pietricola wahedha:

Nhar is-27 ta’ Marzu, 2010, ghal habta ta’ l-4.30am gewwa l-Ghassa San Giljan, San Giljan, xjentement issoprimiet jew b’xi mod iehor qerdet jew bidlet tracci jew indizji ta’ reat.

Il-Qorti kienet mitluba sabiex barra milli tapplika il-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputati ihallsu l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ l-esperti skond l-artiklu 533 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-ordni tal-Avukat Generali esebit a fol. 9 u 10 tal-process u mahrug ai temini tal-Artikolu 22 tas-subartikolu (2) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta fejn huwa ordna li l-imputati jitressqu quddiem din il-Qorti fil-kompetenza surreferita sabiex iwiegbu ghall-akkuzi mahruga fil-konfronti taghhom taht il-Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghat l-ammissjoni tal-imputati kif registrata fis-seduta tat-28 ta’ Marzu, 2010 ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti taghhom.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u cioe’ wara li l-imputati wiegbu li huma hatja ghall-akkuzi migjuba fil-konfronti taghhom, din il-Qorti wissiethom b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba u huma nghataw zmien xieraq sabiex jekk iridu jergghu lura minnha.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tal-imputati, l-Qorti tiddikjara li m’ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputati hatja tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti taghhom kif minnhom ammessi.

Ghall-finijiet ta’ piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputati ammettew fi stadju bikri tal-proceduri kif ukoll l-fatt li huma ghandhom fedina penali netta.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikolu 8(a) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, kif ukoll l-ewwel Skeda tal-istess Kap.

101 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-Artikolu 95, 338(dd) u 111 (2) u 17 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-Qorti ssib lill-imputati hatja tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti taghhom kif minnhom ammessi u b’applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, tilliberahom bil-kundizzjoni li ma jikkommettux reat iehor sa zmien sena(1) millum.

Il-Qorti inoltre tordna l-konfiska u d-distruzzjoni tas-sustanza kontenuta fiz-zewg pakketti mmarkati bhala Dok MB10 liema distruzzjoni ghandha ssir taht id-direzzjoni tar-Registratur tal-Qorti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------